



# L-Aġjar Prattiki fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija tal-prattika: Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ (TNA)

Tip tal-prattika: Prattika Tajba

Pajjiż: Ir-Rumanija

April 2014

<b>Titlu tal-prattika</b>	Proċedura Strutturata għad-Determinazzjoni tal-Bżonnijiet ta' Taħriġ
<i>Karatteristiċi prinċipali:</i>	<p><b>Fir-Rumanija</b> tinġabar informazzjoni dwar il-bżonnijiet ta' taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi li tinkludi għejun ta' informazzjoni multipli (ħarrieġa ġudizzjarji, qrati, uffiċċji tal-prosekuturi, assoċjazzjonijiet professjonali tal-maġistrati, professjonisti ġuridiċi oħrajn, u r-riżultati tal-valutazzjoni tat-taħriġ imwettaq fis-snin preċedenti, eċċ.).</p> <p>Is-suġġetti fil-lista inklużi fil-katalogu tat-taħriġ ta' sena partikolari jitqabblu wkoll mal-għadd ta' applikazzjonijiet mill-parteċipanti.</p> <p>Reċentement twaqqfet sistema onlajn biex din tiġi ffaċilitata, u l-imħallfin u l-prosekuturi huma mistiedna jimmarkaw is-suġġetti mixtieqa għas-sena d-dieħla jew biex jagħmlu proposti ġodda. Dan jippermetti li kull kors jirċievi "rata tad-domanda" li turi l-iktar korsijiet mixtieqa u tiffaċilita wkoll l-ippjanar finanzjarju.</p> <p>Din id-dejta tikkostitwixxi l-bażi għal analiżi tal-bżonnijiet tat-taħriġ u elaborazzjoni sussegwenti tal-pjan ta' taħriġ annwali, li jinvolvi l-istitut nazzjonali tat-taħriġ u l-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura.</p>
<i>Detalji ta' kuntatt tal-Istituzzjoni</i>	National Institute of Magistracy (NIM) Bd. Regina Elisabeta nr. 53, Sector 5 050019, Bucharest Romania Telefown: + 40 021 310 21 10 Faks: + 40 021 311 02 34 E-mail: <a href="mailto:office@inm-lex.ro">office@inm-lex.ro</a>

Sit elettroniku: <http://www.inm-lex.ro>

*Kummenti  
oħrajn*

Għalkemm kull istituzzjoni ta' taħriġ għall-ġudikatura fl-UE implimentat is-sistema tagħha biex taċċessa l-bżonnijiet ta' taħriġ, inġabru xi ideat partikolarment interessanti waqt li kien qed isir dan l-istudju.

Il-prattika deskritta fuq tista' titqies bħala **PRATTIKA TAJBA**.

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prattiki fit-taħriġ ta' mħallfin u prosekturi*", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)